**A.L. 56 ta' l-2003**

**ATT TA' L-2001 DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT**

**(ATT NRU. XX TA' L-2001)**

**Avviż ta' bidu fis-seħħ tar-Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-2001 biex Iħares l-Ambjent, u tar-regolament 1 tar-Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ir-regolamenti li jemendaw" il-Ministru ta' l-Intern u l-Ambjent stabbilixxa l-1 ta' Frar, 2003 bħala d-data meta r-Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, għandhom jibdew iseħħu, minbarra l-paragrafu (3) tar-regolament 2B ġdid, imdaħħal bir-regolament 3 tar-regolamenti li jemendaw, ħlief għall-provvediment li ma għandhom jinħarġu ebda liċenzi ġodda għat-teħid qabel il-31 ta' Diċembru 2007, u minbarra wkoll il-paragrafu (ċ) tar-regolament 9 tar-regolamenti li jemendaw;

u iktar minn hekk bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu taħt il-paragrafu (d) tar-regolament 13 tar-regolamenti li jemendaw, l-istess Ministru ta' l-Intern u l-Ambjent qed jistabbilixxi d-data tal-31 ta' Mejju, 2003 bħala d-data ordnata biex jiġu reġistrati għasafar ibbalzmati.

**L.N. 56 of 2003**

## ENVIRONMENT PROTECTION ACT, 2001

## (ACT NO. XX OF 2001)

### Notice of coming into force of the Protection of Birds and Wild Rabbit (Amendment) Regulations, 2003

BY virtue of the powers conferred on him by article 9 of the Environment Protection Act, 2001 and by regulation 1 of the Protection of Birds and Wild Rabbit (Amendment) Regulations, 2003, hereinafter referred to as the "amending regulations", the Minister for Home Affairs and the Environment has established the 1st February, 2003, as the date when the Protection of Birds and Wild Rabbit (Amendment) Regulations, 2003, shall come into force other than paragraph (3) of new regulation 2B introduced by regulation 3 of the amending regulations except for the provision that no new licences to take, are to be issued before the 31st December, 2007, and other than paragraph (c) of regulation 9 of the amending regulations;

and furthermore by virtue of the powers conferred on him by the paragraph (d) of regulation 13 of the amending regulations, the said Minister has established the 31st May 2003, as the prescribed date for the registration of stuffed birds.